**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Esprit International LP hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tal-10 ta' Novembru 2011 — Ben Ri Electrónica vs UASI — Sacopa (LT LIGHT-THECNO)**

**(Kawża T-143/10)**

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva LT LIGHT-THECNO — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti LT — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 19, 41-43)*

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Frar 2010 (Każ R 1625/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ben-Ri Electrónica, SA u Sacopa, SAU.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-3 ta' Frar 2010 (Każ R 1625/2008-4), hija annullata.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Ben-Ri Electrónica, SA.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tal-10 ta' Novembru 2011 — Three-N-Products Private vs UASI — Shah (AYUURI NATURAL)**

**(Kawża T-313/10)**

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali AYUURI NATURAL — Trade marks Komunitarji verbali u figurattivi preċedenti AYUR — Raġuni relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 54, 64, 65)*